**Għawdex Qabel ir-Ritratti (25)** — minn JOHN CREMONA

# L-eqdem bini tal-ġebel fid-Dinja?




Sa ftit tas-snin ilu, it-Tempji tal-Ġgantija f'Għawdex kienu meqjusa bħala l-aktar bini tal-ġebel qadim u li għadu wieqaf fid-dinja. Dan il-fatt tniżżel fil-*Guiness Book of Records* għal diversi snin u kien biss fl-aħħar ftit snin li nstab li hemm bini aktar antik fil-Mesapotamja. Dan ma jnaqqas xejn mill-importanza ta' dan il-monument uniku li jinstab fuq gżiritna li huwa inkluż fil-lista tal-patrimonju dinji tal-UNESCO.

L-importanza ta' dawn it-tempji bħala xi ħaġa unika ilha magħrufa għal diversi sekli u dan jista' jiġi ppruvat bl-ammont kbir ta' kitbiet, tpinġijiet u stampi li saru matul l-aħħar tliet mitt sena.

Qabel l-invenzjoni tal-magna fotografika, naħseb li ħadd daqs l-artisti tal-familja Brockdorff ma ħalla xhieda tal-ħajja tradizzjonali u tal-postijiet storiċi ta' pajjiżna. L-akwarelli, tpinġijiet u litografiji tagħhom għalkemm mhux artistikament ta' l-aqwa kwalità jagħtu stampa unika tal-ħajja f'Malta matul is-seklu dsatax u għalhekk huma mfittxija ħafna fost il-kollezzjonisti. Ammont kbir ta' akwarelli ta' Charles de Brockdorff jinstabu ppreservati fil-Biblioteka Nazzjonali ta' Malta.

Album partikolari jinkludi fih dsatax-il akwarella tat-tempji tal-Ġgantija u ta' l-Ipoġew tax-Xagħra flimkien ma' disinji oħra tagħhom. Dan l-album magħruf bħala l-Beaufoy Album (NLM Libr Ms1161) kien ġie kummissjonat lil Charles de Brockdorff mid-Duka ta' Buckingham fl-1828-29 waqt żjara tiegħu f'Malta, iżda minħabba problemi finanzjarji tal-werrieta, l-album kien inbiegħ f'irkant ftit tas-snin wara. B'xorti tajba, dan l-album kien ġie akkwistat mill-Biblioteka Nazzjonali fl-1925.

Il-litografija li qiegħed nippubblika ma' dan l-artiklu hija meħuda minn fuq dawn l-akwarelli u fil-fatt, il-parti tan-nofs hija kopja ta' l-akwarella li turi l-faċċata tat-tempji filwaqt li mdawrin magħha hemm seba' veduti ta' partijiet mit-tempji kif jidhru fl-akwarelli b'xi differenzi żgħar. Din il-litografija jidher li hija rarissima u sa fejn naf jien għadha qatt ma ġiet ippubblikata qabel.

Isfel nett tal-litografija hemm miktub *Lith.Brockdorff & son 111 Str Reale.* Dan juri li l-litografija saret meta Charles de Brockdorff kien għadu jmexxi n-negozju tal-familja flimkien ma' uliedu minn wieħed mill-ħwienet li jidher li kellu fil-Belt Valletta. Il-familja Brockdorff kienet minn ta' l-ewwel li bdiet tipproduċi tpinġijiet u litografiji ta' Malta biex jinxtraw bħala souvenirs li juru t-tradizzjonijiet u veduti Maltin. Ma nafx min kien l-artist li pproduċa din il-litografija. Għalkemm *Lith.Brockdorff & son* tindika li l-litografija saret qabel il-mewt ta' Charles fl-1850, naħseb li l-litografija hija xogħol ta' wieħed mit-tfal aktar milli ta' Charles innifsu. Il-litografija hija intitolata *'Front view of the Giant Tower in Gozo'* filwaqt li fil-ġnub fiha deskrizzjonijiet ta' l-istampi żgħar li juru kemm it-tempju l-kbir kif ukoll it-tempju ż-żgħir.

Ma nafx jekk din il-litografija saritx għal ġo xi ktieb. Il-fatt li ma fiha ebda numru tal-paġna jista' jindika li l-istampa kienet intenzjonata sfuża. Il-qisien tagħha huma 163mm x 265mm.